# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 18**

**Rikors numru 23/13 JRM**

**Brian Vella**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell tar-rikorrent mis-sentenza moghtija fit-22 ta' Marzu, 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:-

"Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Prim Ministru u ssib li mhuwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni attrici u qieghda tehilsu milli jibqa' fil-kawza;

"Tilqa' l-ewwel talba attrici u ssib li r-rikorrent garrab u qieghed igarrab ksur tal-jedd tieghu li ma jkunx suggett ghal trattament inuman u degradanti taht l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn il-ligi f'Malta ma taghtix li persuna li tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' ghomor fil-habs tista' titlob revizjoni tas-sentenza li nghatatilha fl-ebda zmien;

"Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li, mal-gheluq tal-perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena minn mindu nghatat is-sentenza [tal-Qorti tal-Appell Kriminali] u sakemm ma jkunx hemm dispozizzjonijiet espressi ta' ligi li jghidu mod iehor, il-kaz tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* imwaqqaf taht l-Att tal- 2011 dwar il-Gustizzja Riparatrici, li jkollu s-setgha u d-dmir li jqis ic-cirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iz-zmien u jaghti r-rakkomandazzjonijiet tieghu dwar jekk ir-rikorrent jisthoqqlux jibbenefika minn xi wiehed mir-rimedji moghtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att iehor li jiddahhal minfloku) bhal ma tista' tibbenefika kull persuna ohra li tkun qieghda sservi sentenza definitiva ta' habs imma mhux ghal ghomorha; u

"Tordna li l-intimat Avukat Generali jhallas l- ispejjez tal-kawza, minbarra dawk tal-intimat Prim Ministru, li jhallashom ir-rikorrent".

<u>Mertu</u>

2. Illi permezz tar-rikors tieghu, ir-rikorrent Brian Vella talab lill-ewwel Qorti ghar-ragunijiet hemm imfissra, sabiex (a) tiddikjara li hu sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] ghaliex is-sistema legali taghna ma kienitx taghti lok ghal rilaxx mill-habs ta' persuna kkundannata ghall-piena ta' ghomor il-habs fuq konsiderazzjonijiet bhal ma huma r-rimors taghha

ghad-delitt li tkun wettqet u ghar-rijabbilitazzjoni taghha; u (b) taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha huma xierqa ghat-twettieq tal-imsemmija drittijiet fondamentali; bl-ispejjez. F’dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza taghha tat-28 ta’ Lulju, 2011, kienet cahdet l-appell tar-rikorrenti filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-intier taghha u li permezz taghha r-rikorrent kien gie kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru.

3. Jirrizulta mhux kontestat il-fatt li r-rikorrent dahal il-habs fis-17 ta’ Frar, 2000, meta kien gie arrestat u detenut in konnessjoni mar-reati li gie eventwalment mixli bihom u illi kien inzamm inkarcerat kontinwament sakemm inghatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali fl-4 ta’ Ottubru, 2007, li permezz taghha r-rikorrent inghata l-piena ta’ ghomor l-habs.

4. Ir-rikorrent kien appella minn dik is-sentenza, kemm mis-sejbien tal-htija tieghu kif ukoll mill-piena inflitta. L-appell gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta’ Lulju, 2011, fejn giet ikkonfermata s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-intier taghha. Sadanittant hu dejjem baqa’ mizmum il-habs fejn ghadu mizmum sal-lum.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghal dan l-appell:-

> "Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu l-kaz, jibda biex jinghad li l-azzjoni tar-rikorrenti hija limitata ghall-kwestjoni tal-effetti li s-sentenza ta' ghomor il-habs thalli fuq it-tgawdija tal-jedd fondamentali tieghu li ma jkunx suggett ghal trattament inuman jew degradanti. Din l-azzjoni ma tattakka l-ebda parti mill-process kriminali li huwa kien suggett ghalih u lanqas is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat dik tal-ewwel istanza. …
>
> "Illi ghalhekk il-kaz tar-rikorrent jinbena fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.
>
> …
>
> "Illi fil-qofol tieghu, l-ilment tar-rikorrent huwa li, taht il-ligi kif inhi sallum, huwa qatt mhux se jkollu l-possibilita' li mqar japplika ghal tnaqqis fil-piena li nghatatlu jew li japplika ghall- *parole* jew xi ghamla ta' remissjoni. Huwa jghid li, li lhinn minn jekk jisthoqqlux li jinghata l-*parole,* il-fatt wahdu li wkoll kieku kellu jressaq talba lill-awtoritajiet kompetenti f'dan is-sens, talba bhal dik ma tistax tintlaqa' sewwasew ghaliex huwa qieghed iservi sentenza ta' ghomor fil-habs. Jghid li dan jikkostitwixxi l-ksur tal-jedd fondamentali li dwaru qieghed jilminta.
>
> "… il-Qorti taghraf ukoll li, f'dan ir-rigward, il-persuna li tkun instabet hatja tal-ehrex delitti ma ghandhiex titlef mid-dinjita' taghha u jibqghalha dejjem il-jedd li tittama li, wara li thallas ta' ghemilha, tkun kunsidrata li tghallmet minn dak in-nuqqas u tinbidel mit-triq li kienet qabdet. F'wahda mill-opinjonijiet moghtija minn wahda mill-imhallfin tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'sentenza ewlenija li tolqot l-aspett tal-piena tal-ghomor fil-habs, inkiteb hekk
>
> > "Article 3 encompasses what might be descrive as the 'right to hope'. It goes no further than that. The judgment recognizes, implicitly, that hope is an important and costitutive aspect of the human person. Those who commit the most abhorrent and egregious of acts and who inflict untold suffering upon others, nevertheless retain their fundamental humanity and carry within themselves the capacity to change. Long and deserved though their prison sentences may be, they retain the right to hope that, someday, they may have atoned for

> the wrongs which they have committed. They ought not to be deprived entirely of such hope. To deny them the experience of hope would be to deny a fundamental aspect of their humanity and, to do that, would be degrading";

"Illi l-imsemmi 'jedd ghat-tama' ma jfissirx li l-piena tal-ghomor fil-habs hija minnha nnifisha piena li tikser il-jedd li persuna ma tinghatax trattament inuman jew degradanti: u lanqas ma jkun hemm ksur tal-istess jedd jekk, wara li persuna hekk kundannata tressaq talba ghall-helsien, it-talba taghha ma tintlaqax, minhabba li tkun ghadha meqjusa bhala persuna perikoluza ghas-socjeta' jew li ma gharfitx il-htiega li tinbidel. Il-harsien tas-socjeta' mill-periklu ta' persuna li ma tridx tibdel trieqtha jew li tibqa' tkun ta' periklu ghal haddiehor jorbot lill-Istat li jzomm u jrazzan lil dik il-persuna misjuba hatja, minkejja li jkun ghadda zmien sewwa minn meta tkun wettqet id-delitt li tieghu nstabet hatja;

"Illi madankollu, illum il-gurnata jinsab accettat li sabiex sentenza ta' ghomor il-habs ma tkunx tikser id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jehtieg li jkun hemm fis-sehh mekkanizmu ta' revizjoni tal-qaghda. Dan jimplika li (i) persuna ma ghandhiex tinzamm isservi sentenza jekk kemm-il darba ma jkunx hemm raguni penologika tajba biex dan jibqa' jsir, liema raguni tista' tkun wahda punittiva, jew ghall-harsien tal-pubbliku in generali jew bil-ghan li tibdel lill-persuna mizmuma; (ii) tqum il-bizgha li persuna mitfugha l-habs bla tama li qatt tinheles jew bla possibilita' ta' revizjoni tas-sentenza lit kun inghatat ma tistax tpatti ghal dak li tkun ghamlet u aktar ma ttul is-sentenza anqas tkun proporzjonali mad-delitt li ghalih tkun inghatat; u (iii) l-aspett tar-rijabilitazzjoni tal-persuna mibghuta l-habs huwa mistenni minn kull socjeta' li tqieghed id-dinjita' umana fil-qalba tal-valuri taghha. Huwa minnu li *"the balance between these justifications for detention is not necessarily static and may shift in the course of the sentence. What may be the primary justification of detention at the start of the sentence may not be so after a lengthy period into the service of the sentence. It is only by carrying out a review of the justification for the continued detention at an appropriate point in the sentence that these factors or shifts can be properly evaluated";*

"Illi in generali huwa stabbilit li *"in the context of a life sentence Article 3 must be interpreted as requiring reducibility of the sentence, in the sense of a review which allows the domestic authorities to consider whether any changes in the life prisoner are so significant, and such progress towards rehabilitation has been made in the course of the sentence, as to mean that continued detention can no longer be justified on legitimate penelogical grounds … where domestic law does not provide for the possibility of such a review, a whole life sentence willnot measure of to the standards of Article 3 of the Convention. … a whole life prisoner should not be obliged to wait and serve an indeterminate number of years of his sentence before he can*

*raise the complaint that the legal conditions attaching to his sentence fail to comply with the requirements of Article 3";*

"Illi jidher li biex il-process ta' revizjoni jitqies lijwettaq dak li ghadu kemm issemma, jehtieg li jkun process stabbilit mil-ligi u mhux imholli ghad-diskrezzjoni tal-awtorita'; irid ukoll process li ma jkunx jghodd biss meta hajjet il-persuna li qieghda sservi s-sentenza tal-ghomor tkun waslet fi tmiemha, imma trid tkun tghodd ghal circostanzi ohrajn li juru bidla fil-qaghda minn dik li kienet tezisti meta tkun inghatat is-sentenza; irid ukoll ikun process li jaghti hjiel car tal-kriterji mehtiega biex persuna li qiegheda sservi sentenza tkun tista' titlob ir-revizjoni, maghduda c-cirkostanzi tal-bidla tal-karattru u titjib fl-imgiba tal-persuna sentenzjata;

"Illi kemm hu hekk, inghad li *"a whole life prisoner is entitled to know, at the outset of his sentence, what he must do to be considered for release and under what conditions,including when a review of his sentence will take place or may be sought. Consequently, where domestic law does not provide any mechanism or possibility for review of a whole life sentence, the incompatability with Article 3 on this ground already arises at the moment of the imposition of the whole life sentence and not at a later stage of incarceration".*

"Illi ghalhekk, ghal dak li jsemmu l-intimati dwar rimedji ohrajn li, taht il-ligi f'Malta, jinghataw lil persuni li qeghdin iservu sentenza ta' ghomorhom fil-habs, il-Qorti tifhem li l-prerogattiva tal-hniena li l-Kostituzzjoni taghti lill-President tar-Repubblika huwa rimedju li jista' jindirizza xi ftit il-possibilita' li s-sentenza u n-nuqqas ta' revizjoni taghha jistghu jwasslu ghall-ksur li persuna ma ghandhiex tinghata trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti taghraf ukoll li tali preprogattiva tqieset ukoll bhala mizura li tista' ma thallix sentenza ta' ghomor fil-habs iggib ksur tal-jedd taht l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

"Illi, madankollu, il-fatt li, fis-sistena taghna l-prerogattiva presidenzjali tal-mahfra ma tiddependix minnkriterji preskritti jew minn xi procedura stabbilita, jnaqqar hafna mill-effettivita' u l-effikacja ta' dan is-sistema biex jizgura li ma jsehhx ksur tal-jedd tal-persuna sentenzjata li ma tinghatax trattament inuman jew degradanti. Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-kriterji marbuta ma' xi jwassal lill-President biex jaghti l-mahfra zgur ma jkunux maghrufa lill-persuna sentenzjata mal-ghoti ta' dik is-sentenza, kif isemma aktar qabel li ghandu jkun;

"Illi din il-kwestjoni tas-siwi u l-effikacja tal-prerogattiva Presidenzjali tal-mahfra tqieset mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li s-sistema mhaddem taht l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ma kienx jaghti harsien bizzejjed biex persuna li qieghda sservi sentenza ta' ghomor fil-habs ma ggarrabx ksur tal-jeddijiet taghha kif imharsin bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Kienet tal-istess fehma fejn jidhol is-sistema tal- 'prison leave' imfassal fid-Direzzjoni Generali Ministerjali mahruga ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-Habs u sabet li

bosta mic-cirkostanzi li tahthom jinghata l- ‘prison leave’ ma kinux jiddependu mill-imgiba tal-persuna li qieghda sservi s-sentenza jew minnkemm inbidel, izda minn cirkostanzili huwa ma jkollu l-ebda kontroll fuqhom;

“Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qieghda tasal ghall-fehma li l-ewwel talba tar-rikorrent hija tajba u sejra tilqaghha;

“Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba attrici l-Qorti taghraf li sakemm ma jitfassalx procediment fejjiedi biex tirrimedja ghall-qaghda li jinsab fiha r-rikorrenti, il-ksur li huwa qieghed igarrab tal-jedd fundamentali tieghu li ma jkunx suggett ghal trattament inuman jew degradanti se jibqa’ ghaddej;

“Illi minkejja s-setghat li din il-Qorti tgawdi fi procedura bhal din li ghandha quddiemha, ma ghandhiex is-setgha li tqis jekk ir-rikorrent jisthoqqlux jibbenefika minn tnaqqis tas-sentenza jew mill-ghoti ta’ *parole* jew jekk fil-qaghda tieghu llum sehhewx bdil ghall-ahjar f’imgiebtu jew fil-karattru tieghu li jwasslu ghal revizjoni tas-sentenza moghtija lilu. Tqis ukoll li sallum, minkejja li kien tnieda process biex jiddahhlu dispozizzjonijiet fil-ligi li b’xi mod setghu indirizzaw il-problema, ma sarux bidliet fil-ligi biex jirrimedjaw il-qaghda li wasslet biex ir-rikorrent igarrab ksur tal-jedd fundamentali tieghu kif issemma aktar qabel;

“Illi f’dan ir-rigward ukoll il-Qorti tqis li fil-ligi taghna ghadu lanqas jezisti mekkanizmu li jiddeciedi jekk ir-rikorrent jisthoqqlux li jinghata tnaqqis fil-piena, ghaliex il-ligi ghadha torbot lill-Bord ghat-Tnaqqis mis-Sentenzi li ma jnaqqasx sentenzi ta’ habs fil-kaz ta’ persuni ikkundannati ghal ghomorhom. Il-Qorti qieghda zzomm quddiem ghajneha wkoll li s-sentenza inflitta fuq ir-rikorrent saret definittiva fit-28 ta’ Lulju, 2011, u ghalhekk fil-waqt li qieghda tinghata din is-sentenza ma jkunx ilu z-zmien rakkomandabbli ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena ta’ detenzjoni effettiva fil-habs biex jitnieda l-process tar-revizjoni tas-sentenza tieghu. Meta nghatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, dik il-Qorti ma kenitx wettqet id-diskrezzjoni taghha taht l-artikolu 493 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma ghamlet l-ebda rakkomandazzjoni dwar meta r-rikorrent seta’ jitlob ir-revizjoni wara l-ghoti tas-sentenza;

“Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra wkoll tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrent;”.

## <u>L-Appell</u>

6. Ir-rikorrent appella fl-10 ta’ April 2018 u talab lil din il-Qorti:

> "iii) tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn laqghat it-tieni talba attrici fis-sens illi f'dik il-parti fejn ordnat illi wara l-gheluq ta' hames u ghoxrin sena minn mindu nghatat is-sentenza u sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet espressi ta' ligi li jghidu mod iehor, il-kaz tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole tigi varjata u minnflok din il-Qorti tordna illi l-hames u ghoxrin sena jibdew jiddekorru mid-data meta l-appellant gie arrestat in konnessjoni ma' dan il-kaz u cioe' is- 17 ta' Frar, 2000 jew
>
> "iv) alternattivament ghat-tieni talba, jekk din il-Qorti ma taqbilx illi l-hamsa u ghoxrin sena jibdew jiddekorru mid-data meta l-appellant gie arrestat, allura tispecifika illi dan il-perjodu ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali u cioe' mill- 4 ta' Ottubru 2007.
>
> "Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati".

7. L-aggravju principali tar-rikorrent hu li t-terminu ta' 25 sena ghandu jibda jghaddi mid-data tal-inkarcerazzjoni tieghu, jigifieri mis-17 ta' Frar, 2000, u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Lulju, 2011, kif ordnat mill-ewwel Qorti; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat Avukat Generali

8. Fir-risposta tieghu prezentata fl-20 ta' April, 2018, l-Avukat Generali sostna li l-aggravju tar-rikorrent ma kienx wiehed gustifikat u ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

<u>L-Aggravju tal-Appell.</u>

9. Fl-ewwel parti tal-aggravju tieghu r-rikorrent jilmenta li t-terminu ta' 25 sena li mal-gheluq tieghu hu ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-

Parole taht il-kundizzjonijiet imposti fis-sentenza appellata ["it-terminu"], ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta hu kien gie arrestat u nzamm detenut fil-habs, u mhux minn meta giet imposta fuqu l-piena ta' ghomor il-habs. Huwa jsejjes l-argument tieghu fuq il-fatt li kien proprju fil-jum li hu kien gie arrestat li hu kien gie deprivat mil-liberta` tieghu, li fih hu kien beda jiskonta l-piena karcerarja imposta fuqu mill-Qorti Kriminali permezz tas-sentenza taghha tal-4 ta' Ottubru, 2007.

10. Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li kull zmien maghmul f'detenzjoni qabel sentenza ta' dikjarazzjoni ta' htija u kundanna, ghandu jitqies li jaghmel parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni moghti lill-ikkundannat, hlief f'kaz ta' kundanna ta' prigunerija ghall-ghomor. L-Att tal- 2011 dwar il-Gustizzja Riparatrici [Kap. 516] wkoll jipprovdi ghall-istess limitazzjoni fejn persuna kkundannata ghal ghomor il-habs ma tistax tibbenefika mill-*parole* skont kif jipprovdi l-Artikolu 10(g) ta' dak il-Kap, jew it-tnaqqis tas-sentenza skont kif jipprovdi l-Artikolu 22(2) tal-imsemmi Kodici.

11. Ir-rikorrent isostni li ga ladarba l-ewwel Qorti kienet sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, din kellha taghti rimedju adegwat u effettiv li jmur oltre l-limitazzjonijiet imposti mid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 516.

12. Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Bodein v Franza** (Applikazzjoni nru. 40014/10) deciza fit-13 ta' Novembru, 2014, fejn ma rrizulta l-ebda ksur ta' terminu ta' tletin sena qabel inkarcerat seta' japplika ghall-helsien, u dan ghaliex tali terminu kien beda jghaddi mid-data tal-arrest tieghu u mhux mid-data tas-sentenza fil-qafas Kriminali.

13. Ir-rikorrent jaghmel riferenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Vinter v. UK** fejn il-Qorti Ewropea citat l-Artikolu 110(3) tal-*Rome Statute of the International Criminal Court*, u jissottometti li dan, jipprovdi ghal revizjoni tas-sentenza ta' persuna li tkun qeghda tiskonta piena ta' ghomor il-habs wara li jkunu ghaddew 25 sena minn meta dik il-persuna tkun bdiet tiskonta s-sentenza moghtija lilha. Ir-rikorrent ikompli jissottometti li dik il-Qorti ghamlet analizi tal-ligijiet tal-pajjizi li kienu rratifikaw il-Konvenzjoni Ewropea u ghal darb'ohra r-riferenza fis-sentenza taghha kienet ghan-numru minimu ta' snin skontati.

14. In linea sussidjarja u fil-kaz li l-ewwel parti tal-aggravju tieghu ma jigix milqugh minn din il-Qorti, ir-rikorrent jissottometti li, id-data relattiva kellha tkun dik tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali u mhux dik tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma kienet biddlet xejn mill-ewwel sentenza. Minn dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jirrizulta li d-data relevanti kellha tkun dik tal-2011.

15. Fir-risposta tieghu l-Avukat Generali jissottometti li l-aggravju tar-rikorrent ma kienx wiehed gustifikat u kellu jigi michud. Skont hu, l-ewwel Qorti kienet korretta meta stabbilit li l-perijodu ta' 25 sena kellu jibda jiddekorri mid-data li fiha nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghax hija b'din is-sentenza li s-sentenza kriminali kienet saret defenittiva.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

16. L-ewwel parti tal-aggravju, jindirizza n-natura tar-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni riskontrata, liema rimedju jissottometti ghandu jkun *'wiehed adegwat u effettiv'*. Il-Qorti taccetta li dan hu l-ghan principali ta' dawn il-proceduri u taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Albert Ellul v. L-Avukat Generali tar-Repubbblika**[1] moghtija fit-13 ta' Lulju, 2018, fejn il-mertu kien simili ghal dak odjern, u fejn gie osservat li: "*… din il-Qorti ghandha tqis dan ir-rimedju mhux biss mil-lat prettament legali kif jippretendu l-partijiet, izda pjuttost billi tistabbilixxi jekk ir-rimedju moghti huwiex effettiv u idoneu biex twaqqaf il-lezjoni u titwettaq it-tgawdija tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent*".

[1] RG.38/17

17. L-ewwel Qorti osservat li meta l-Qorti Kriminali tat is-sentenza taghha, din ma kienitx wettqet id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 493 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma kienet saret l-ebda rakkomandazzjoni dwar iz-zmien li fih ir-rikorrent seta' jaghmel talba ghar-revizjoni tas-sentenza tieghu ghal ghomor il-habs. Dik l-istess Qorti, wara wkoll li kienet ghamlet riferenza ghaz-zmien ta' hamsa u ghoxrin (25) sena ta' detenzjoni effettiva fil-habs kif rakkomandat mill-Q.E.D.B. fil-kawza citata mir-rikorrent stess fl-ismijiet **Vinters et v. Renju Unit**[2], ordnat li "*…mal-gheluq tal-perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena minn mindu nghatat is-sentenza u sakemm ma jkunx hemm dispozizzjonijiet espressi ta' ligi li jghidu mod iehor, il-kaz tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole" li jaghti r-rakkomandazzjoni tieghu dwar jekk ir-rikorrent ikollu dritt li jibbenefika minn xi wiehed mir-rimedji li jipprovdi Att XXI tal-2011*"*.* Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel Qorti fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata ma specifikatx jekk kienitx qed tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali jew ghas-sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata li dik il-Qorti kienet qed tirreferi ghas-sentenza moghtija minn din l-ahhar Qorti, jigifieri l-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan johrog car mis-segwenti osservazzjoni maghmula mill- ewwel Qorti:

> "Il-Qorti qieghda zzomm quddiem ghajnejha wkoll li s-sentenza inflitta fuq ir-rikorrent saret definitiva fit- 28 ta' Lulju, 2011, u ghalhekk fil-waqt li qieghda tinghata din is-sentenza ma jkunx ilu z-zmien

[2] Deciza mill-Grand Chamber 9 ta' Lulju 2013.

> rakkomandabbli ta'hamsa u ghoxrin (25) sena ta' detenzjoni effettiva fil-habs biex jitnieda l-process tar-revizjoni tas-sentenza tieghu".[3]

18. Fir-rigward din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza fuq citata moghtija fit-13 ta' Lulju 2018 fil-kaz ***Albert Ellul*** fejn dan il-punt kien gie trattat u din il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati fl-istess sentenza u in linea ma kazistika[4] tal-Qorti Ewropea hemm citata, waslet ghall-konkluzjoni li l-perijodu ta' 25 sena kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali ghax huwa b'dik is-sentenza li giet imposta l-piena ta' ghomor habs minghajr possibbilita` ta' revizjoni u li allura fiha twieldet l-inkompatibbilita` u l-lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu protett bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati.

19. Fid-dawl ta' dan kollu jinghad ukoll b'riferenza ghal dak li qed isostni l-intimat, li d-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appel Kriminali ma tistax titqies bhala d-data rilevanti ghaliex mhijex din id-data li fiha nholqot il-lezjoni tad-dritt fundamentali de quo u li kieku din il-Qorti kellha taccetta s-sottomissjoni tal-Avukat Generali intimat li d-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali kellha tkun applikabbli ghall-bidu tal-perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena ghar-revizjoni tal-piena moghtija lir-rikorrent, din il-Qorti tkun qeghda tonqos milli twaqqaf il-lezjoni tad-dritt fondamentali li kien beda jsofri r-rikorrent u sahansitra

[3] Pagna 12 ta-sentenza appellata

[4] Q.E.D.B Bodeim v Franza, deciz fit-13 ta' Novembru 2014

zzid mal-effett ta' tali lezjoni. Tajjeb li wiehed josserva li l-appell tar-rikorrent dam kwazi erba' snin biex jinqata'.

20. Rigward it-tezi tar-rikorrent li z-zmien ghar-revizjoni kellu jibda jiddekorri mid-data tal-inkarcerazzjoni tieghu waqt li kienu ghadhom ghaddejjin il-proceduri kriminali din il-Qorti tirribadixxi[5] li z-zmien bejn l-inkarcerazzjoni u d-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali r-rikorrent appellant ma kienx ghamlu l-habs bhala piena ghar-reati li hu kien ikkommetta, u ghalhekk id-data rilevanti kienet id-data li fiha kienet inghatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali:

> "Wara kollox, huwa proprju n-nuqqas ta' prospett ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li kkundannatu ghal ghomru l-habs li huwa l-qofol tal-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent, u mhux in-nuqqas li jinheles mill-arrest qabel is-sejbien ta' htija tieghu".[6]

21. Din il-Qorti tosserva ulterjorment li fil-kaz odjern ma jirrizultawx cirkostanzi eccezzjonali li jgeghluha tikkonsidra l-kaz tar-rikorrent appellant bhala wiehed partikolari li jisthoqq trattament differenti sabiex il-perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena (25) ghandu jiddekkorri mid-data tal-arrest u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Anzi ghall-kuntrarju, kif tajjeb tenniet l-ewwel Qorti: (a) id-delitt li tieghu nstab hati r-rikorrent kien wiehed ahrax fejn sahansitra zewg anzjani nqatlu meta hu u ohrajn dahlu gewwa darhom biex jisirqu mill-istess dar; (b)

---

[5] ***Albert Ellul*** [supra]

[6] Ibid. para.20

ghalkemm il-gurija ma kienitx unanima fis-sejbien ta' htija tar-rikorrent, hu nghata l-piena ta' ghomor il-habs; u (c) il-hruxija tad-delitt kien darab serjament is-sentimenti tas-socjeta` li kienet tistenna li kull persuna ghandha thallas ghall-ghemil taghha.

22. Din il-Qorti tafferma li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti li permezz tieghu r-rikorrent inghata d-dritt li wara 25 sena hu kellu l-possibbilita` ta' revizjoni tas-sentenza tieghu jekk iressaq il-kaz tieghu quddiem il-Bord tal-*Parole*, hu wiehed tajjeb u effettiv biex jindirizza l-lezjoni sofferta mir-rikorrent.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi fis-sens li z-zmien ta' 25 sena ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-4 ta' Ottubru 2007, u mhux mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li nghatat fit-28 ta' Lulju 2011, u f'dan is-sens l-aggravju qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tilqghu limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-perjodu ta' revizjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Ottubru 2007 jibda jiddekorri minn din l-istess data.

L-ispejjez tal-ewwel grad jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell odjern jigu sopportatati miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb